# ID-DAWL

JANNAR 2022 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 49

**“Min jagħmel it-tajjeb anke jekk ikun żgħir jarah; u min jagħmel il-ħażen anke jekk ikun ċkejken jarah ukoll.”**




Bidu Uniku tal-2022

Flimkien għall-Umanità

Il-Ferħ ta’ Alla

Il-Ħsara tas-Sigaretti

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# BIDU UNIKU TAL-2022

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Kull darba meta tiġi s-sena l-ġdida naraw li n-nies jiċċelebrawha b'modi differenti; xi nies jiċċelebraw lejlet is-sena l-ġdida fi pjaċiri materjalistiċi, u jibdew is-sena l-ġdida b'attivitajiet differenti. Naraw tant programmi u kunċerti ta' mużika u żfin, festini tal-ikel, logħob tan-nar, u tant affarijiet oħra biex nilqgħu s-sena l-ġdida. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta bdiet is-Sena l-Ġdida 2022 billi qdiet lill-umanità u bit-talb u s-supplikazzjonijiet quddiem Alla l-Ħanin.

Kienet esperjenza tassew sabiħa għall-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana li pparteċipaw u kkontribwew b'mod attiv fil-**Festa ta' Ġenerożità** – il-maratona ta' ġbir ta' fondi mid-**Dar tal-Providenza**, organizzata fl-1 ta' Jannar 2022. Il-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana servew matul din il-maratona ta' 12-il siegħa, b'passjoni u dedikazzjoni, u kkontribwew f'din il-kawża nobbli u ġusta, u servew ikel matul din il-maratona. Barra minn hekk, għenu wkoll fit-tweġibiet tat-telefonati u baqgħu preżenti hemmhekk sat-tmiem ta' din il-maratona li ntemmet f'nofsillejl.

## ID-DAWL

Jannar 2022 – Numru 49 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

Unique start of 2022 02
Together for mankind 03
Pleasure of God 04
No peace without God 06
The harms of smoking 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Vik Y | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# FLIMKIEN GĦALL-UMANITÀ









# IT-TFITTXIJA GĦALL-FERĦ TA' ALLA

L-Iżlam ma jiqafx jaħdem fuq l-ikkultivar ta' valuri ogħla fl-imġiba tal-bniedem. L-Iżlam joħloq qalb is-segwaċi tiegħu l-għarfien li dak kollu li jimporta u li għandu jimporta huwa l-apprezzament ta' Alla għat-tajjeb li wieħed jagħmel f'ħajtu.

Dan l-aċċenn ixejjen il-ħtieġa li wieħed joqgħod jiftaħar bl-għemil tajjeb li jwettaq biex jikseb l-applaws ta' persuni oħra. Huwa aktar minn suffiċjenti għal fidil ġenwin li jkun jaf li l-għemil kollu tiegħu, kemm tajjeb kif ukoll ħażin, qed ikun muri lil Alla li jara kollox. Fuq din it-tema, il-Koran Imqaddes josserva:

> **F'dak il-jum l-art tirrakkonta l-istorja tagħha, għax il-Mulej tiegħek hekk ordnalha. F'dak il-jum in-nies jersqu 'l quddiem fi gruppi differenti biex ikunu murija l-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom. Imbagħad dawk li jkunu wettqu att ġeneruż anki jekk ikun żgħir u insinifikanti daqs farka ċkejkna jintebħu li kien osservat minn Alla u dawk li jkunu wettqu xi ħaġa ħażina anki jekk żgħira u insinifikanti daqs farka ċkejkna se jindunaw li din ġiet osservata minn Alla.** [99:5-9]

Ta' min jinnota li dan hu pass importanti fid-direzzjoni tar-riformazzjoni tas-soċjetà umana. Huwa l-uniku kura effettiva għall-vanità tal-bniedem u x-xewqa tiegħu biex jidher u jifraħ. F'definizzjoni usa' tal-karità, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] żied dawn l-għemejjel li ġejjin li jistħoqqilhom premju mingħand Alla:

- Il-karità għandha tingħata minn kull driegħ u riġel ta' persuna f'kull ġurnata li titla' x-xemx. Li titwettaq il-ġustizzja bejn tnejn min-nies hija karità, li tgħin persuna jirkeb il-bhima tiegħu jew li tqiegħed l-affarijiet tiegħu fuqha hija




karità, li tneħħi minn mogħdija dak kollu li joħloq xkiel hija karità.

- Jekk Musulman jiżra' siġra, mela kulma jittiekel minnha huwa karità, u dak kollu li jinsteraq minnha huwa karità, u dak kollu li jitneħħa minnha huwa karità.
- Ħarsu lilkom infuskom min-Nar, anki billi tagħtu nofs tamla f'karità, u jekk dan ma jsirx, billi tgħidu kelma għall-ġid.
- Jekk persuna ma jkollha xejn, għandha taħdem b'idejha stess għall-ġid tagħha u biex toffri l-karità. Jekk mhijiex kapaċi taħdem, għandha xorta tgħin lil xi ħadd fil-bżonn u bla għajnuna ta' xejn. Jekk lanqas mhi kapaċi twettaq dan, mela għandha tħajjar oħrajn biex jagħmlu l-ġid. Jekk ma tasalx għal dan lanqas, mela għandha trażżan lilha nnifisha milli twettaq il-ħażin. Dan ukoll huwa karità.
- Anki loqma ikel li tpoġġi f'ħalq martek tikseb l-imħabba ta' Alla.[i]

---

(i) *Islam's Response to Contemporary Issues*, p. 260-262

# MINGĦAJR ALLA, MA JISTA' JKUN HEMM L-EBDA PAĊI

Il-bniedem ma jistax jgħix fil-paċi miegħu nnifsu u lanqas il-paċi mhi garantita fis-soċjetà mingħajr din il-formola: l-ebda formola oħra ma taħdem.

Hija biss l-imħabba ta' Alla li tista' ġġib rispett ġenwin għall-ħolqien Tiegħu. Aktar ma tkun għolja l-ordni tal-kreazzjoni, aktar tersaq qrib lejn il-Ħallieq u aktar tissaħħaħ ir-rabta bejn dak li nħoloq u l-Ħallieq innifsu.

Il-bniedem jibda jirrispetta lill-oħrajn b'objettiv ogħla u aktar nobbli; jiġifieri, minħabba r-rispett u l-obbligazzjoni dovuta lill-Ħallieq tiegħu, il-bniedem jibda jirrispetta aktar lill-umanità.

Għaldaqstant wieħed jista' jgħid, fil-qofol, li hija l-imħabba ta' Alla li tinbidel fl-imħabba għall-kreazzjoni Tiegħu. B'mod ipotetiku, warrab lil Alla għal ftit mix-xena u f'daqqa waħda r-relazzjonijiet umani jieħdu xejra kompletament differenti.

Il-vojt maħluq bin-nuqqas ta' eżistenza ta' Alla jimtela malajr bis-sens ta' importanza li jħoss il-bniedem. Hija filosofija estremament redikola u bla sens li l-bniedem jista' jgħix mingħajr Alla.

Dak li jikseb l-ateiżmu fl-aħħar mill-aħħar mhuwiex biss il-mewt ta' Alla wieħed iżda f'daqqa waħda jnissel kotra kbira ta' allat. Kull ħliqa f'sensiha li teżisti, f'ħakka t'għajn tikseb ir-rwol ta' alla fiha nnifisha. L-egoiżmu u l-impenn sħiħ biex wieħed iservi biss lilu nnifsu jissaħħu u jsiru aktar setgħana.

Is-soċjetajiet, li huma mibnija fuq il-pedamenti ta' individwi bħal dawn, jibqgħu dejjem egoistiċi u jaħsbu biss fihom infushom.




**"Dawk li jemmnu u li qlubhom isibu l-paċi fit-tfakkir ta' Alla, il-għaliex huwa biss bit-tfakkir ta' Alla li l-qlub jistgħu jsibu l-paċi."**

(Il-Koran, 13:29)

M'hemmx raġuni għala wieħed għandu jkun ta' servizz għal ħaddieħor mingħajr motiv ulterjuri. Ma baqa' l-ebda punt ta' riferiment estern f'għamla ta' Alla fejjiedi, li Huwa l-uniku punt ta' riferiment li jgħaqqad il-forom kollha ta' kreazzjoni.

**Din hija l-filosofija Iżlamika fundamentali. Jekk wieħed ma jerġax isib lil Alla wieħed ma jistax jikseb il-paċi u mingħajr dik il-paċi, ma tistax tinbet il-paċi fis-soċjetà. L-isforzi kollha umani biex tinħoloq il-paċi minn motivi egoistiċi ulterjuri għandhom ifallu u jispiċċaw fix-xejn.**

**Jekk m'hemmx Alla, mela m'hemmx paċi. Dak huwa l-għerf aħħari.**[(ii)]

(ii) *Islam's Response to Contemporary Issues*, p. 268-269

# IL-ĦSARA TAS-SIGARETTI U TAX-XORB

Fid-dinja moderna tal-lum fejn il-bniedem kiseb ħafna suċċessi kważi f'kull qasam tal-ħajja hemm wkoll elementi negattivi li niltaqgħu magħhom kuljum fis-soċjetajiet tagħna. Fosthom, naraw żieda sostanzjali fix-xorb, fit-tipjip u fl-użu ta' drogi oħra. Insibu nies ta' kull età u minn klassijiet soċjali differenti li huma dipendenti fuq xi vizzju. Anki ż-żgħażagħ li huma l-futur tas-soċjetà, huma wkoll involuti fis-sigaretti, fix-xorb kif ukoll fid-drogi.

L-użu ħażin tad-drogi hu problema kbira ħafna li d-dinja qiegħda tiffaċċja llum. Xi drabi naraw żgħażagħ adoloxxenti jpejpu, anke waqt li jkunu għadhom jistudjaw fl-iskejjel tagħhom. It-tipjip f'età daqshekk żgħira mhux biss jeqred is-saħħa taż-żgħażagħ iżda jeffettwa b'mod ħażin it-tkabbir fiżiku (*physical growth*) tagħhom. Insibu żgħażagħ li jitilfu ħajjithom minħabba d-drogi, it-tipjip u x-xorb. Numru ta' familji jiġġarrfu u l-kriminalità qiegħda tiżdied.

Hemm nies li jaħsbu li x-xorb u t-tipjip m'għandhomx x'jaqsmu mad-drogi. Iżda jekk nanalizzaw is-sitwazzjoni mill-qrib u nkunu realistiċi, nistgħu ngħidu li l-problemi l-kbar tad-drogi jibdew mit-tipjip u mix-xorb. In-nies li huma involuti f'xi sitwazzjoni ħażina minħabba d-drogi, bdew mill-affarijiet żgħar u fl-aħħar spiċċaw f'qagħda ferm agħar. Ix-xorb, it-tipjip u d-drogi jagħmlu ħsara kbira fis-soċjetà, lis-saħħa, u lill-ekonomija tal-pajjiż. Nafu li l-abbuż huwa ħażin, imma l-mistoqsija hi: **Għaliex in-nies qegħdin jersqu iktar lejn dawn il-vizzji aktar minn qatt qabel?**

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**